Dan dwar il-ġenju artistiku ta' Ġużè Galea; iżda mbagħad Ġużè Galea kien ewlieni wkoll kif qeda lill-poplu Malti f'diversi ħidmiet — minn Tabib Prinċipali tal-Gvern għal Professur tal-Mediċina Forensika fl-Università u President ta' ħafna għaqdiet li jaħdmu bil-kwiet u volontarjament b'riżq is-soċjetà Maltija, mis-Soċjetà ta' l-Arti, Kummerċ u Manifattura għall-Każin tal-Banda **King's Own**, għall-Għaqda tal-Mentalment Inkapaċitati u l-Kunsill Ġenerali ta' l-Inkapaċitati, biex insemmu ftit biss. Kulfejn ħadem ħalla t-timbru tiegħu ta' prudenza, għaqal u bżulija; u dan jidher mill-fatt li ħafna minn dawn l-għaqdiet għamlu possibbli l-pubblikazzjoni ta' dan in-numru speċjali ta' **Il-Malti** b'tifkira tal-Professur Ġużè Galea (ara hawn taħt għall-ismijiet tal-għaqdiet li għenu għall-ħruġ ta' dan in-numru speċjali).

J'Alla Malta tal-lum u ta' għada jkollha ħafna iktar ulied li bil-ħajja artistika, bil-ħakma tal-kelma Maltija u l-bżulija ta' ħidmiethom jagħtu l-kontribut siewi tagħhom kif tah il-Kav. Professur Ġużè Galea.

---

* Barra minn din id-Daħla, il-President kien ħareġ kitba oħra ta' tfakkira: "Imut it-Tielet President tal-Għaqda tal-Kittieba tal-Malti — Il-Kav. Prof. Ġużè Galea" fi **Il Malti**, Marzu-Diċ. 1978, pp. 43-46. — **Id-Direzzjoni.**

---

# KONTRIBUZZJONIJIET GĦAL DAN IL-GĦADD SPEĊJALI

Il-għaqdiet jew korpi ċiviċi li jissemmew hawn taħt għoġobhom igħinu lill-Akkademja tal-Malti fl-ispejjeż ta' l-istampa għal dan il-għadd speċjali ta' **Il-Malti** maħruġ bħala tfakkira ta' Ġużè Galea (1901-1978):

Għaqda ta' l-Ortikoltura
King's Own Band Club
Kumitat Ċiviku — Qormi (ex-membri)
Soċjetà Arti, Manifattura u Kummerċ
Soċjetà Storika

L-Akkademja tiżżi ħajr lill-Kumitati u l-membri ta' dawn il-għaqdiet u tittama li l-ħruġ ta' dan il-għadd kommemorattiv jibqa' jiswa bħala xhieda ħajja tar-rabta li kien hemm bejniethom ilkoll fil-persuna tal-Kav. Prof. Ġużè Galea.



# LIL ĠUŻE' GALEA

Hawn min jiġġerra ma' l-għoljiet xemxija
Ta' Elikona qalb il-ward u l-ħdura,
U, mgħaxxaq b'dik il-għanja tan-natura,
Minn qalbu jsawwab l-oħla poeżija.

Hemm ukoll min iħobb satra dellija,
U, miġbur fih innifsu, jarġa' lura
Fuq il-ġrajja ta' ġensu u jifli s-sura
Tagħhom bid-dehen tal-filosofija.

Inti, Raġel bil-Għaqal, għarrixt sewwa
Fil-qalb u l-ħsieb ta' ġensna u rajt sedqithom
Ħelwa mal-ħbieb u ħarxa ma' l-għedewwa.

Għallimtna li għerf wieħed qatt ma falla:
Imutu l-ħżiena u magħhom tgħib kburithom,
Jirbaħ iċ-ċkejken għaliex jitma f'Alla.

3.9.46 DUN KARM

## DR. WALLACE PH. GULIA, PRESIDENT TA' L-AKKADEMJA TAL-MALTI, MAĦTUR IMĦALLEF TAL-QRATI SUPERJURI

**Inħabbru bi pjaċir illi Dr. Wallace Ph. Gulia, LL.D., B.A., B.Sc., Ph.C., M.A. (Admin.) (Manchester), D.P.A. Lond.), Avukat Anzjan tar-Repubblika, 'Lecturer' fil-Liġi Amministrattiva fl-Università ta' Malta, u President ta' l-Akkademja tal-Malti, ġie maħtur biex ikun Imħallef tal-Qrati Superjuri b'seħħ mit-12 ta' Mejju, 1982.**

**Il-Kunsill u l-Membri kollha ta' l-Akkademja, filwaqt li jilqgħu b'ferħ din l-aħbar, li waslet meta konna qegħdin inhejju l istampa ta' dan il-għadd speċjali, jieħdu b'idejn l-Imħallef Gulia għal dan il-ġieh li jirrifletti mhux biss fuqu nnifsu bħala professjonista speċjalizzat fil prattika u fit-tagħlim tax-xjenza leġislattiva u amministrattiva, imma wkoll ta' l-Akkademja li tagħha ilu President għal bosta snin.**

**Miegħu nifirħu wkoll lil martu, is-Sinjura Nancy, u liż-żewġ uliedu Myra u Gabrielle.**

**Lill-Imħallef Wallace Gulia nawgurawlu suċċessi ġodda fil-kariga għolja tiegħu filwaqt li nittamaw li jibqa' jmexxi l-Akkademja tal-Malti bil-għaqal u l-prudenza b'riżq il-Lsien Malti li huwa tant iħobb.**